TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 286/10

**Raymond Caruana**

**vs**

**Canadian Bros. Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u tnejn u disgħin ewro, u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€392.87), rappreżentanti spejjeż sabiex irranġa l-karozza, li meta xtara din il-karozza din kellha tissewwa mingħand id-ditta intimata liema karozza ma sewwietx.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara vettura mingħand Canadian Bros. Ltd., bil-kundizzjoni illi peress li kien hemm xi ħoss mir-rota tax-xellug ta' wara kellha tiġi rranġata mis-soċjeta' intimata, iżda din ma ttranġatx.

L-intimat issottometta illi l-ħoss kien irranġah u għax reġa' ħareġ xi ħoss ieħor wara ċertu żmien ippretenda illi għandu jibqa' jħallas għal dawn l-affarijiet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti stante li wara li xtara l-vettura, għalkemm il-ħoss kien mar għal xi żmien qasir, dan il-ħoss reġa' ħareġ u juri biċ-ċar li din ma ssewwietx tajjeb jew ma saritx it-tiswija fuq il-vettura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**